**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 8 ta' Lulju, 2020;**

**Rikors nru: 503/19 AGV ;**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB**,** datat 6 ta' Novembru 2019 , fejn espona bir-rispett;

1. Illi r-rikorrent, izzewweg lill-intimata , CB , nee' D, fil-Parocca ta' Santa Katarina, iz-Zurrieq, fis- sittax ta' Lulju, elf, disa' mija u disgha w disghin (16 ta' Lulju, 1999). Certifikat taz-zwieg anness – Dok A.

2. Illi, minn dan iz-zwieg, twieldu zewg (2) , ulied , E , li twieled fil-wiehed u ghoxrin ta’ April , tas-sena elfejn (21/04/2000) , u , ghalhekk, illum hu magorenni , u F , li twieldet, fil-hmistax ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlieta (15/03/2003) , u, li ghadha minuri , ahwa B.

3. Illi , ir-rikorrent u martu l-intimata , isseparaw minn xulxin, permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali , in atti tan-Nutar Dorianne Arapa , datat , sebgha ta’ Ottubru , elfejn u tlettax (7/10/2013) , liema kopja tal-kuntratt ta’ separazzoni tinsab ezebita u mmarkata bhala Dok B .

4. Illi, illum il-gurnata , m’hemm ebda prospett li r-rikorrent jirrikoncilja mall-intimata martu, stante li ilhom ghal dawn l-ahhar erba’ snin separate minn xulxin , u jghixu hajja totalment speparata minn xulxin , ma’ persuni ohra .

5. Illi , in oltre , ma hemm l-ebda pendenza rigward il-manteniment f’dan l-istadju , stante li l-intimata iddekadiet ghall-manteniment , mentri r-rikorrent irrinunzja ghall-manteniment minghand l-istess intimate , u , in oltre , fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni , il-partijiet qablu li kull parti kellha tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-minuri , meta jkunu ma’ dik il-parti , stante li f’dak il-perjodu, il-mara ma kinietx tahdem , u dan skont klawsola numru erbgha (4) paragrafu ittra ‘f’ , tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni.

6. Illi, ir-rikorrent jixtieq li jottjeni d-divorzju u jaqbel li z-zwieg tieghu mal-intimata ghandu jigi mahlul.

7. Illi , dawn il-fatti sopra citati, jissodisfaw pjenament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju , skond l-artikolu 66B , tal-Kodici Civili , Kapitolu 16 , tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tawtorizza u tippronunzja d-divorzu bejnu u bejn l-intimata martu , CB u tiddikjara z-zwieg taghhom , celebrat fis-16 ta' Lulju , 1999, mahlul ai termini tal-Artikoli 66 A et seq , tal-Kodici civili ;
2. Kif ukoll , tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti , javza lid-direttur tar-registru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehdu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi regsitrat fir-registru pubbliku.

Bl-ispejjez .

Il-Qorti rat li sas-seduta ta' nhar l-Erbgha, 8 ta' Lulju 2020, l-intimata baqghet ma pprezentatx risposta.

**DECIDE :**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku .

Spejjez jibqghu bla taxxa .

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef.**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg.**